# IL-PITTURA TA' ĠUŻEPPE CALI U TA' ĠUŻEPPI BRIFFA FIL-KNISJA PARROKKJALI TA' SAN PAWL IL-BAĦAR

*Kitba ta' P.Alexander Bonnici ofm conv*

Qabel ma ġie mistieden biex ipitter is-saqaf tal-Knisja ta' San Franġisk tal-Belt, il-pittur Ġuze' Calì aċċetta li jpitter il-kwadri tal-Knisja l-ġdida ta' San Pawl il-Baħar. Il-Kwadri kollha ta' din il-Knisja ħarġu minn idejn dan il-pittur. Quddiem in-Nutar Alfons Marija Micallef, fil-21 ta' Jannar 1904, sar il-kuntratt mal-pittur. Il-Markiża daħlet għall-ħlas ta' ħames kwadri taż-żejt fil-Knisja. Dwarhom sa jsir kumment ċkejken.



***1. Id-Duluri: li huwa l-kwadru titulari.*** Il-pittur ma tħalliex fil-libertà fil-pittura tal-kwadru. Fiħ hemm il-firma tal-pittur, fuq in-naħa ta' isfel. Il-Madonna tpoġġiet b'idejha f'xulxin taħt is-salib ta' Kristu, bil-qiegħda fuq il-blat rozz tal-Golgota. Wiċċha jixhed in-niket tagħha, u fuq sidirha naraw il-qalb minfuda minn seba' stalletti b'rabta mad-duluri l-kbar ta' ħajjitha. Calì pitter "Duluri" tixbah lil ta' San Pawl il-Baħar għall-Knisja tal-Karmelitani fl-Imdina. Madankollu, għalkemm il-kwadru fih l-armonija tal-kuluri u l-istil tal-pittur, hemm storja marbuta miegħu. Peppinu Sant Cassia kiteb: "Ommi kienet ħabiba kbira tal-Markiża Bugeja. Kien is-sajf, u

aħna u l-Markiża konna San Pawl il-Baħar. Jiena kont tifel. Ommi kienet teħodna ta' kull filgħodu filgħar tagħna. Jum, wieħed, qrib tiegħi, nilmaħ tgħum f'wiċċ l-ilma xbieha ċkejkna tad-Duluri. Jiena ġbartha u ħadtha lil ommi. Dik il-lejla stess, ommi marret għand il-Markiża u wrietha s-santa li kont sibt f' wiċċ il-baħar. Wara li semgħet ir-rakkont, it-twajba Markiża ħadet ix-xbieha, bisitha, u qalet lil ommi li l-kwadru titulari tal-Knisja jkun preċiżament bħal dik is-santa ċkejkna. Qalet li l-Verġni Mbierka nqdiet b'tifel innoċenti biex turi r-rieda tagħha. 'Il dik ix-xbieha l-Markiża għamlitha fi gwarniċ u dendlitha fil-kamra tagħha. Imbagħad, meta ordnat il-pittura tal-kwadru, hi riedet li l-pittur Ġuzeppi Calì jikkuppjaha kif inhi. Dan li ktibt hu l-verità u jiena nsaħħu b'ġurament".

**2. San Franġisk** għandu mill-istatwa ta' Giovanni Duprè tal-katidral ta' Assisi, imma tonka hi mfassla b'tifsila tal-Franġiskani Konventwali. Fuq ġebla mpittra, Calì qiegħed il-firma tiegħu, imma bil-kemm tidher għax li hi f'parti skura tal-kwadru.



**3. Il-Madonna ta' Pompej** hu suġġett li, għalkemm tniżżel fil-kuntratt, ma sarax. Tpitter minfloku Sant' Antnin ta' Padova. Dan il-qaddis jidher fiċ-ċella fqajra tiegħu ta' Camposampiero jħaddan f'idejh iċ-ċkejken Ġesù ifakkar id-dehra tal-Bambin, imma hu wkoll ir-rappreżentazzjoni l-iżjed komuni tal-qaddisin.

**4. San Pawl Appostlu** jidher impitter fil-ġest tat-tislima rumana, u f'xebh ma l-istatwa tal-kolleġġjata tal-Belt, li l-iskultur tagħha ma hux magħruf. Hi pittura li turi r-rabta ta' San Pawl ma' Malta għax il-lifgħa mfarfra minn idejh tidher li x'uħud jorbtu man-nawfraġju: il-baħar imqalleb tad-daħla tal-Mistra, il-gzejjer li biż-żmien issejħu ta' San Pawl, u l-Promontorju ta' Rdum il-Bies. Ix-xabla li tagħti ħafna fil-għajn tfakkar il-martirju tiegħu, waqt li l-ktieb

jissimboeġġa l-għerf u l-kitbiet ta' l-Appostlu.

**5. L-Immakulata** tpitter skond it-tradizzjoni ta' l-arti Nisranija. F'pittura ffirmata, fi sfond semplici u mdawwal, hu juri lill-Madonna bi ħlewwa li ma bħalha, b'ħarsitha 'l isfel lejn id-dinja li hi taħt riġlejha. B'rabta mal-Ġenesi, il-Madonna tidher tisħaq ras is-serpent. Il-qamar hu taħt riġlejha biex titfakkar il-mara msemmija fl-Apokalissi.

Huma ħames kwadri li qamu LM70. Il-pittur ma ħadmix il-kwadri b'impenn kbir. Huma sbieħ, imma narawhom pjuttost bħall-figuri ta' fuq is-santi. Hemm il-ħlewwa tal-figuri u l-ilwien li jiddistingwu lil Calì. Imma ma fihom l-ebda oriġinalità li tolqotna.

Ftit wara dan iż-żmien, Cali ġie kkummissjonat biex ipitter fil-Knisja tal-Belt. Imbagħad, fil-1915, il-Markiża reġgħet fittxet lil Calì biex ipitter għal San Pawl żewġ kwadri Iżjed kbar biex jitqiegħdu fil-kor. Dawn ż-żewġ kwardri laterali ħaqqhom apprezzament akbar. Wieħed minnhom juri l-preżsentazzjoni ta' Ġesù fit-tempju. Hu ambjentat fi żmien posterjuri. Ix-xwejjaħ Xmuni (li forsi Calì ħasbu li kien is-saċerdot li laqa' lil Ġesù tarbija għall-preżentazzjoni) jidher qed iħabbar lil Marija dak li kellha tgħaddi minnu. Il-Madonna, għarkubbtejha fiċ-ċentru, qed



tisma' l-kelmiet misterjużi li kienu ta' faraġ u niket fl-istess ħin. Kemm San Ġużepp kif ukoll il-profetissa Anna huma b'għajnejhom miftuħin fuq Marija, bħallikieku qegħdin jistagħaġbu x'kien qed jintqal lilha. San Ġużepp qiegħed f'pożizzjoni li qed jagħti l-pass biex jersaq qrib Marija biex f'isimha wkoll jagħti l-offerta ta' par gamiem.

Il-kwadru laterali l-ieħor juri l-aħħar mumenti ta' qabel id-difna ta' Ġesù. Dan il-Kwadru ffirmat hu wieħed mill-isbaħ li ħarġu minn idejn il-pittur. Il-ġisem mejjet ta' Ġesù, imqiegħed fuq liżar, jidher b'rasu mitluqa fuq l-irkobbtejn ta' San Ġwann. Il-Madonna hi wieqfa b'wiċċ imnikket imma rassenjata, u bil-Madalena għarkubbtejha qrib riġlejn Ġesù. Il-mara wieqfa u kważi mserrha ma' Marija hi l-figura tal-Knisja, li tersaq lejn Kristu permezz ta' l-omm tiegħu.

Biż-żmien, żdiedu erba' kwadri oħrajn taħt il-gallarija ta' l-orgni. Ħarġu minn idejn il-pittur Ġużeppi Briffa. Juru fihom lil Santa Klara, San Ġużepp ta' Copertino, San Ludoviku Re ta' Franza, u Santa Elizabetta Reġina ta' l-Ungerija.

